**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.10:** **Naħfer għax inħobb!**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Japprezzaw il-fatt li min jaħfer jew jitlob maħfra jkun qed iħobb tassew.

2. Jifhmu kif Ġesù wkoll ħafer lill-għedewwa tiegħu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- PPT Presentation bi stampi li se jintużaw waqt il-lezzjoni.
- Karta ta' taħriġ: 3.6
- Mużika.
- Karti bit-talb.



**Naqsmu flimkien:**



- Ibda l-lezzjoni billi turi lit-tfal l-ewwel stampa tal-PPT presentation.
- Ħeġġeġ lit-tfal biex jispjegaw fi kliemhom x'jiġi f'moħħhom l-ewwel meta jaraw dik l-istampa.
- Permezz ta' mistoqsijiet diretti għinhom jagħrfu kif it-talb huwa mod kif aħna nitkellmu ma' Ġesù filwaqt li nitolbuh jieħu ħsiebna jew jgħinna.
- Importanti wkoll li t-tfal jifhmu kif il-kelma "nitolbu" tfisser ukoll mod ta' kif aħna nitolbu xi ħaġa lil xulxin eż: nitlob permess, nitlob l-għajnuna eċċ.
- Ħeġġeġ lit-tfal isemmu mumenti oħra fejn aħna nitolbu xi ħaġa lil xulxin.

**Nisimgħu flimkien:**

- Waqt din id-diskussjoni uri t-tieni stampa tal-PPT Presentation u itlob lit-tfal jaħsbu x'qed jiġri.
- Għinhom jikkonkludu li t-tifla qed turi lil ommha li qed jiddispjaċiha ta' xi ħaġa li għamlet u qed titlob skuża.
- Ħeġġeġ lit-tfal jagħtu eżempji ta' meta ġieli kellhom jitolbu skuża lil xi ħadd ta' xi ħaġa li għamlu.
- Staqsi għalfejn ħassew il-bżonn li jitolbu skuża lil xi ħadd.



- Spjega kemm hu importanti li aħna niskużaw ruħna meta nagħmlu xi ħaġa mhux xierqa.
- Uri t-tielet stampa filwaqt li t-tfal jirrakkontaw fil-qasir il-ġrajja ta' meta Ġesù ġie msallab.
- Irreferi għal dak il-mument partikolari meta Ġesù talab lil Alla l-Missier jaħfer lin-nies li riedu joqtluh għax ma kinux jafu x'inhuma jagħmlu – "Mulej aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

- Spjega li kif Ġesù nnifsu talab lil Alla l-Missier biex jaħfer lill-bnedmin, hekk ukoll aħna għandna nitolbu maħfra lil Alla ta' kull meta niżbaljaw.

- Aħdem il-karta ta' Taħriġ 3.6 u wara li tħalli lit-tfal jiddiskutu x'qed jaraw, urihom il-kruha tal-ġlied u għinhom ipinġu l-istampa.
- Fakkar li:
  - ✓ Meta jiżbaljaw, iridu juru li jiddispjaċihom billi jitolbu maħfra.
  - ✓ Meta jiżbaljaw, huma jkunu jridu min jaħfrilhom.
  - ✓ Meta jiżbalja ħaddieħor, huma jridu jaħfrulu.
  - ✓ Iħossu l-bżonn li jitolbu maħfra għax jindunaw li għamlu xi ħaġa mhux tajba.
  - ✓ Meta jitolbu skuża lil Alla jkunu qegħdin jgħidulu 'aħfirli ta' dak li għamilt ħażin'.
  - ✓ Mal-'aħfirli' jrid ikun hemm il-wegħda li kemm jista' jkun ma jerġgħux jirrepetu dak li jkunu għamlu ħażin.

**Nikbru flimkien:**

• Qabbad żewġt it-tfal sabiex jirreċtaw episodju qasir bejniethom dwar ġlieda li tinħoloq bejniethom fil-bitħa.

• Ħeġġeġ lil xi ħadd mit-tfal biex jitlob maħfra.

• Inkoraġixxi lill-kumplament tat-tfal fil-klassi biex jgħinu lill-'atturi' isibu kliem adattat biex juru d-dispjaċir tagħhom lil xulxin. (skużani, jiddispjaċini, aħfirli, inħobbok)

• Dawn huma l-erba' kelmiet importanti li t-tfal mistennija jitgħallmu sabiex ikunu kapaċi jitolbu maħfra lil xulxin.

**Nagħżlu flimkien:**

- Qassam il-karta ta' taħriġ lit-tfal u ggwidahom biex jiktbu l-erba' kelmiet importanti fil-bżieżaq tad-diskors.
- Uri lit-tfal kif biex naħfru lil xulxin bħal aħwa aħna mistennija nuru li jiddispjaċina ta' dak li nkunu għamilna, nkunu kapaċi nitolbu skuża u maħfra lil xulxin kif ukoll nuru li nħobbu lil xulxin.
- Nitolbu skuża lil xulxin mill-qalb meta nagħmlu xi ħaġa li mhux suppost nagħmlu.




**Nitolbu:**

- Uri r-raba' stampa li turi xbieha ta' tfajla mixħuta quddiem Ġesù waqt li qed titlob maħfra.
- Ixgħel ftit mużika baxxa fl-isfond.
- Ħeġġeġ lit-tfal iħarsu lejn l-istampa u jaħsbu ta' xiex għandhom jitolbu maħfra lil Ġesù.
- Stieden tfal differenti biex iqumu minn posthom u jaqraw talba qasira mogħtija lilhom filwaqt li l-kumplament tat-tfal fil-klassi jlissnu flimkien "Aħfrilna Mulej Ġesù."

